**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN**

**7 ta' MEJJU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**26.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

26.1.1 Fir-rigward ta' punt 25.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li llum il-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol ta' tarmak fit-toroq, waħħal it-tabelli fi Triq Dun Nard Mallia.

Hu żied jgħid li fadal l-arblu tal-Enemalta biex jinqala.

26.1.2 Fir-rigward ta' punt 25.3.1 iċ-Chairperson qal li fl-attivita' għall-Puttinu Cares inġabru €254.25. Hu żied jgħid li l-Kumitat Amministrattiv irċieva rċevuta.

***26.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

26.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia stieden lir-rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM biex ikunu diskussi l-affarijiet li fadal xi jsir għall-attivita' kulturali 'Tieġ Malti'.

Kien hemm qbil fuq dawn il-punti:

- Il-kuntrattur Gejtu Galea jibda jnaddaf wara nofs il-lejl
- Il-Kuntrattur Gejtu Galea ser jġib bins għal madwar il-

Misraħ

- Iċ-Chairperson Pierre Farrugia tkellem mal-Green Pak u nfurmawh li ser jissupplixxu 5 settijiet ta' reċipjenti għall-skart reċiklat
- Il-posters jistgħu jitwaħħlu mal-bords li għamel apposta l-Kunsill Lokali u jitneħħew l-għada li tagħddi l-attivita'
- Ser jitwaħħlu tabelli biex jindikaw it-triq għat-Tieġ Malti
- Tħallsu l-pulizija għall-attivita'
- Ser jiġu ordnati tabelli mill-għassa biex jitqassmu fil-Misraħ u fi Triq San Iljun sabiex ma jipparkjawx vetturi nhar is-Sibt mit-8.00 ta' filgħodu u nofs il-lejl.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***26.3 Ilmenti***

26.3.1 Il-membru Joseph Caruana qajjem dawn il-punti fuq il-bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix.
Triq Sant Agatha, Triq Kalang Bugeja wara l-BIS, Vjal l-Indipendenza k/m Triq Dun Gejt Muscat, Triq Goswalda Calleja, Misraħ Santa Marija, Triq G M Callus u Triq Hal Far.
Ġibed l-attenzjoni fuq li l-boroż tal-knies ma jibqgħux fit-toroq sal-ġurnata tat-Tnejn.

Kien hemm qbil li tali punti jgħaddu għand il-Kuntrattur.

26.3.2 Il-membru Joseph Caruana qal li t-trakkijiet minn Triq Ħal Far xorta baqgħu jagħddu u l-pulizija ma għamlux infurzar tal-liġi meta ġew mitluba. Kien hemm diversi ilmenti oħra li l-pulizija mhux qed jissorveljaw fosthom dawn:-

- Nuqqas ta' pulizija waqt il-funerali
- Misraħ Repubblika bil-parking tripplu fejn m'hemmx parking bays
- Bejjiegħa f'Misraħ Repubblika pparkjati fit-tow zone area
- Parkeġġ ħażin f'Misraħ Mattia Preti bil-konsegwenza li jkunu ta' ostaklu għall-karozzi tal-linja
- Trakkijiet mimlijien materjal jagħddu minn Triq Ħal Far
- Karozzi abbandunati jdumu ma jittieħdu passi fuqhom wara li jirrapporta l-Kunsill.
- Nuqqas ta' ronda mill-pulizija f'Bubaqra.

Kien hemm qbil li tintbagħat email lill-ispettur b'dawn l-ilmenti u jekk sa' seduta oħra tali ilmenti jibqgħu pendenti l-istess ittra tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

26.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn tisqija f'Bubaqra u meta ssir, il-Kumitat Amministrattiv ikun infurmat ħalli jkunu jistgħu jiċċekjaw.
Hu żied billi ssuġġerixxa li jinbidlu l-pjanti li hemm f'Misraħ Santa Marija fi pjanti aħjar l-istess bħal ta' Triq P P Saydon.

Kien hemm qbil li jinbidlu minħabba li dawk eżistenti mietu.

26.3.3 Il-membru Annetto Bugeja ġibed l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti:

- Karozza abbandunata fi Triq Santa Fawstina,
- Plot Vojta b'ħafna ħaxix fiha fi Triq Santa Fawstina – biex tintbagħat reminder u jittella ħajt
- Bozza tteptep fi Triq Zakkarija Ronkali
- Manutenzjoni ta' bankina fi Triq it-Tin
- Bżonn ta' Stop marking fi Triq G M Callus fejn it-telephone box.

26.3.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li jiġu ordnati żewġ tabelli 'No entry for heavy vehicles', waħda biex titwaħħal fi Triq San Martin u l-oħra fi Triq Sant Andrija, għaliex trakkijiet qed jgħadu minn din it-triq u għamlu ħsara lill-kappella ta' Sant Agatha.

Kien hemm qbil fuq dan.

26.3.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn patching fil-ġemb taċ-ċimiterju.

Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol.

### *26.4 Appuntament għas-seduta li jmiss*

26.4.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta 5ta' Ġunju, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

26.4.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ġunju, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**